

31.1.2024

A9-0014/219

**Emenda 219**  
**Christophe Clergeau**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Jessica Polfjärd**

**A9-0014/2024**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) tissodisfa l-kriterji ta' ekwivalenza  
għall-pjanti konvenzjonali, stabbiliti fl-  
Anness I, jew

(a) tissodisfa l-kriterji ta' ekwivalenza  
għall-pjanti konvenzjonali, stabbiliti fl-  
Anness I, **u l-valutazzjoni tas-sikurezza**  
**fuq ġewwa stabbilita fl-Anness IIIa**, jew

Or. en

31.1.2024

A9-0014/220

**Emenda 220**  
**Christophe Clergeau**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Jessica Polfjärd**

**A9-0014/2024**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15 a) “valutazzjoni tas-sikurezza fuq ġewwa” tfisser kontrolli xjentifiċi bażiċi differenti li jqabblu l-pjanta tal-NGT ma’ pjanta ġenitur mhux modifikata tal-istess speċi mkabbra fl-istess kundizzjonijiet kif stabbilit fl-Anness IIIa. Din hija maħsuba biex tivverifika li l-konsegwenzi tal-modifikazzjonijiet ġenetiċi ma jwasslux għall-ħolqien ta’ bijokimiki jew proteini ġodda jew kimeriċi li jistgħu jiżdiedu fil-livelli ta’ tossini, allerġeni jew antinutrijenti;*

Or. en

31.1.2024

A9-0014/221

**Emenda 221**  
**Christophe Clergeau**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Jessica Polfjärd**

**A9-0014/2024**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati (“talba għall-verifika”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).

1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I **u l-Anness IIIa** humiex issodisfati (“talba għall-verifika”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).

Or. en

31.1.2024

A9-0014/222

**Emenda 222**  
**Christophe Clergeau**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Jessica Polfjärd**

**A9-0014/2024**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I **u l-valutazzjoni tas-sikurezza fuq ġewwa stabbilita fl-Anness IIIa**;

Or. en

31.1.2024

A9-0014/223

**Emenda 223**  
**Christophe Clergeau**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Jessica Polfjärd**

**A9-0014/2024**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I;

(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I **u l-valutazzjoni tas-sikurezza fuq ġewwa stabbilita fl-Anness IIIa**;

Or. en

31.1.2024

A9-0014/224

**Emenda 224**

**Christophe Clergeau**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**A9-0014/2024**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt h**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(h) *fejn xieraq*, pjan ta' monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE, inkluża proposta dwar kemm se jdum il-pjan ta' monitoraġġ; dan il-perjodu ta' żmien jista' jkun differenti mill-perjodu propost għall-kunsens. Jekk, abbażi tar-riżultati ta' kwalunkwe rilaxx notifikat f'konformità mat-Taqsima 1, is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (d), *in-notifikatur iqis* li l-pjanta tal-NGT *ma teħtieġx* pjan ta' monitoraġġ, *in-notifikatur jista' jipproponi li ma jissottomettix pjan ta' monitoraġġ*;

(h) pjan ta' monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE, inkluża proposta dwar kemm se jdum il-pjan ta' monitoraġġ; dan il-perjodu ta' żmien jista' jkun differenti mill-perjodu propost għall-kunsens. Jekk, abbażi tar-riżultati ta' kwalunkwe rilaxx notifikat f'konformità mat-Taqsima 1, is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (d), *l-awtorità kompetenti tqis* li l-pjanta tal-NGT *għandha tirrikjedi* pjan ta' monitoraġġ *eħfef*;

Or. en

31.1.2024

A9-0014/225

**Emenda 225**  
**Christophe Clergeau**  
f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**  
**Jessica Polfjärd**

**A9-0014/2024**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-kunsens bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE għandu jew jispeċifika r-rekwiżiti ta' monitoraġġ, kif deskritt fl-Artikolu 19(3), il-punt (f) jew jiddikjara li l-monitoraġġ **ma huwiex meħtieġ**. L-Artikolu 17(2), il-punt (b), tad-Direttiva 2001/18/KE ma għandux japplika jekk il-monitoraġġ ma jkunx meħtieġ b'kunsens.

Il-kunsens bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2001/18/KE għandu jew jispeċifika r-rekwiżiti ta' monitoraġġ, kif deskritt fl-Artikolu 19(3), il-punt (f) jew jiddikjara li l-monitoraġġ **jista' jkun eħfef. Il-kunsens bil-miktub għandu jipprovi r-raġunijiet adegwati li jiġġustifikaw pjan ta' monitoraġġ eħfef**. L-Artikolu 17(2), il-punt (b), tad-Direttiva 2001/18/KE ma għandux japplika jekk il-monitoraġġ ma jkunx meħtieġ b'kunsens.

Or. en